**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Frar, 2019

Rikors Guramentat numru : 166/16 AL

**A B mart C D**

**vs**

**C D u b'digriet tal-20 ta' April 2017 l-Avukat Dr Leontine Calleja u il-PL Daniel Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi fis-7 ta' Awissu 2015 l-kontendenti ikkontrattaw iz-zwieg b'rit civili fil-Ukraine kif jirrizulta mill-unit Att taz-Zwieg emess mill-awtoritajiet kompetenti f'dak il-pajjiz liema zwieg gie debitament registrat quddiem l-awtoritajiet kompetenti f'Malta.

2. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.
3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha.
4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg.
5. Illi l-intimat rabat il-kunsens tieghu ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.
6. Illi r-rikorrenti, ghalkemm ma kinitx interdetta jew marida mentalment ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.
7. Illi l-konvenut kkontratta z-zwieg mar-rikorrenti esklussivament ghall-finijiet ta' konvenienza.

Talbet li l-konvenut in vista tas-suespost ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fis-7 ta' Awissu 2015 fil-Ukraine huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Daniel Aquilina, li permezz taghha eccepew: fol. 22

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmija C D minnhom rapprezentata. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa

jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku tal-imsemmija C D sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

2. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid ikun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qeghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Daniel Aquilina;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attriċi u tad-diversi xhieda minnha prodotti;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut assenti, li ġie kkontrattat fis-7 ta' Awwissu 2015 fl-Ukrajna u debitament irreġistrat hawn Malta, jiġi ddikjarat null u

bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[1].

PROVI

Il-verżjoni tal-attriċi

Permezz tal-affidavit tagħha[2], l-**attriċi A B** spjegat kif minkejja li għandha eta` pjuttost matura, hija ssib diffikolta` biex tibni relazzjoni mal-irġiel. Ħbieb tal-qalb m'għandhiex u minn dejjem kienet u għadha tiddependi fuq ommha fejn jidħlu deċiżjonijet importanti. Kull meta ħadet deċiżjoni weħidha, mingħajr il-parir ta' ommha jew ta' ċertu Fr. Maurice Mifsud, li huwa ħabib tal-familja, dejjem spiċċat ħażin. Tqatta' ħafna mill-ħin tagħha ma' ommha jew fis-solitudni.

Meta saret taf lill-konvenut, magħruf bħala "Vito", kienet għaddejja minn perjodu ta' solitudni. Huwa baqa' jfittex il-passi tagħha u kien jinsisti li jibqgħu jiltaqgħu. Mal-mogħdija taż-żmien bdiet tħossha komda fil-kumpanija tiegħu anke għax irnexxielha toħroġ mis-solitudni li kienet fiha qabel. Pero`, iktar ma għadda ż-żmien, bdiet tħossha li kien qiegħed jużaha għaliex kienet tgħaddilu l-flus regolarment minkejja li kien jaħdem. Mingħajr dubju li huwa kien għarbel il-karattru tagħha u nduna kemm hija bniedma vulnerabbli, minħabba f'hekk beda japprofitta ruħu minnha għax kien jaf kemm kien importanti għaliha li ma titlifx il-kumpanija tiegħu.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, beda jitrattaha ħażin bi kliemu u anke bl-imġieba tiegħu tant li beda jerfa' jdejh fuqha, kif ukoll jisloħha iktar flus. Iktar ma kienet iċċedielu, iktar jittrattaha

---

[1] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] Affidavit fol. 28;

ħażin. Tiftakar okkażjoni fejn kellhom xi jgħidu u kien ordnalha toqgħod għarkupptejha fit-triq quddiem in-nies, inkluż ommha. Is-sitwazzjoni bejniethom marret għall-agħar għaliex l-attriċi bdiet tinduna li dana kien jieħu l-flus mingħandha biex joħroġ ma' sħabu u fuq nisa oħra. Fl-aħħar ma setgħetx tissaportih iktar u semgħet minn ommha u minn Dun Maurice u talbet lill-Pulizija sabiex jiddeportawh. Hekk sar, pero` hi reġgħet waqgħet f'solitudni kbira.

Il-konvenut reġa beda jikkuntattjaha fuq il-mowbajl u fuq il-Facebook. Kien jikkonfondiha bi kliemu u reġgħet waqgħet għan-nasba tiegħu, billi reġgħet bdiet tibagħtlu l-flus regolarment. Beda jħajjarha sabiex jiżżewġu fl-Ukrajna, sabiex huwa jkun jista' lura Malta biex jimpjega ruħu. Din il-proposta kienet ħawditha bil-kbir u ma qalet lil ħadd dwarha. Kienet taf li Vito ma jħobbhiex u ma kellux l-iċken rispett għaliha u li kien qiegħed jinqeda biha iżda li tant ħassitha weħidha li ma kellhiex x'titlef. Imbagħad beda jheddidha li jekk ma taċċettax li ġġibu Malta u twaqqa` d-deportazzjoni kontrih, kien ser jaqta' kull kuntatt minn magħha u tista' tinsieh. Beda jibblokkha mill-mobile u minn fuq Facebook għal perjodi twal.

Għalhekk aċċettat li tiżżewġu. Meta ħadet din id-deċiżjoni ħassitha mħawda u dipressa ħafna. Ħassitha mifnija bid-dwejjaq u sfurzatha biex tiżżewweġ. Meta marret l-Ukrajna, huma marru fir-Reġistru taż-Żwiġijiet u kemm hu, kemm xi familjari li kienu miegħu, bdew iwaqqgħuha għaċ-ċajt. Vito beda jgħidilha li hu ma kellux xi jridu dan iż-żwieġ għax kien jista' jsib nisa kemm irid, iżda li hi kellha l-obbligu li tiżżewġu sabiex treġġa' lura d-deportazzjoni. Hi ġiet lura Malta weħidha qisu ma ġara xejn.

Xi ftit taż-żmien wara, kienet iddeċidiet li tgħid b'kollox lill-familja u lil Dun Maurice. Ommha kienet ħaditha bi kbira ħafna u Dun Maurice kien baqa' mbellah. Il-konvenut beda jippressaha biex

iġġibu lura Malta, filwaqt li l-familja tagħha u Dun Maurice bdew jippressawha biex ma ġġibux. Marret tkellem lill-Avukat Dottor Leo Bencini sabiex jgħinha tirranġa mal-Pulizija tal-Immigrazzjoni biex jgħinha ġġibu lura iżda dana assolutament ma riedx jgħinha anzi riedha li tannulla ż-żwieġ. Dam xi erba' xhur jipprova jiftħilha għajnejha. Anke ommha u sħabha tax-xogħol kienu jwissuha biex ma ġġibux 'l hawn, Min-naħa tiegħu, il-konvenut kien jheddidha li jekk ma ġġibux, jista' jinsieha. L-avukat Bencini kien wissieha li kienet ser terġa' tgħaddi mit-trawma li kienet ġarrbet qabel ma ddeportatu iżda hi baqgħet tinsisti. B'hekk l-Avukat kiteb lill-Kummissarju fejn talbu jreġġa' lura l-ordni tad-deportazzjoni kontra l-konvenut, b'dan illi rriżerva d-dritt li jekk ikun hemm bżonn, jerġa' jitlob id-deportazzjoni tiegħu.

Meta kien lura Malta, il-konvenut beda jitlob il-flus lill-attriċi immedjatament u l-inkwiet miegħu ma damx ma reġa' beda. Mill-ewwel, beda jgħix ħajja ta' sfrattu kbir b'ġiri ma' sħabu sa tard bil-lejl u lilha jħalliha weħidha d-dar u ma jagħtix kasha. Kien anke jara nisa oħra. Fil-fatt huma qatt ma kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien wara ż-żwieġ.

Finalment omm l-attriċi, Dun Maurice u Dr. Bencini ikkonvinċew lill-attriċi sabiex tibda l-proċeduri għall-annullament taż-żwieġ u terġa titlob id-deportazzjoni tal-konvenut. Fil-fatt, Vito kien għażel li jitlaq minn Malta minn jeddu, minflok illi jiġi deportat.

Il-verżjoni tal-fatti esposta mill-attriċi hija għal kollox ikkorraborata mix-xiehda mogħtija minn ommha **Antonia B**[3] u **Dun Maurice Mifsud**[4].

[3] Affidavit fol. 31;
[4] Affidavit fol. 34;

L-attriċi esebiet ukoll serje ta' ritratti li juru lill-konvenut fil-kumpanija ta' nisa oħra.[5] Dawna ir-ritratti jirrisalu għas-sajf tas-sena 2017.[6]

Il-verżjoni tal-konvenut

Mhuwiex magħruf il-konvenut f'din il-kawża fejn jinsab, jekk hux hawn Malta jew inkella hux f'pajjiżu l-Ukrajna jew xi pajjiż ieħor. L-attriċi ilha ma tagħmel kuntatt miegħu mis-sajf 2016, meta huwa ġie Malta u baqa' magħha għal xi tliet ġimgħat biss. Imbagħad huwa telaq għal rasu u qata' kull kuntatt minn magħha u saħansitra bblokkha minn fuq Facebook.[7] Illi b'hekk il-kuraturi maħtura għan-nom tiegħu ma setgħux jintraċċjawh sabiex il-Qorti tkun tista' tisma' l-verżjoni tiegħu tal-fatti.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex brevement tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d), 19(1)(f), 19(1)(g), u 19(1)(h) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

---

[5] Permezz ta' nota ippreżentata fit-12 ta' Ġunju 2018, fol. 45;
[6] Xhieda tal-attriċi fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2018, fol. 49;
[7] Xhieda tal-attriċi fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2018, fol. 49;

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

***(g) jekk xi waħda mill-partijiet torbot il-kunsens tagħha ma' kondizzjoni li tirriferi għall-futur;***

***(h) jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.***

Dwar l-**Artikolu 19(1)(c)** u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tkixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor[8] fejn ġie dikjarat li *"Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".*

---

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS);

Espożizzjoni tat-tifsira tal-qerq fit-termini tal-liġi taż-żwieġ tagħna ingħatat fil-kawża fl-ismijiet Mary Farrugia vs. John Farrugia[9]. Il-Qorti sostniet illi l-qerq irid jinċidi direttament fuq l-intellett ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ u indirettament fuq il-volonta` tal-persuna ngannata. Fil-każ tal-qerq, huwa l-intellett tal-partijiet li jintlaqat mhux il-kunsens. "Kif jispjega il-ġurista Jose' Castano *"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente."* Dan il-qerq jista' jiġi kemm minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ kif ukoll minn terza persuna. Biex jissussisti l-qerq ravviżat fis-sub artikolu in eżami iridu jikkonkorru erba' affarijiet:

1. il-qerq jiġi perpetrat bil-ħsieb li wieħed jikseb il-kunsens tal-parti;

2. li l-qerq ikun inċida fuq il-kunsens tal-parti;

3. li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-oħra;[10]

4. li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa. Mhux neċessarju li l-ħajja miżżewġa ġiet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel.

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra.[11] Bi kwalita` tal-

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 1190/94VDG);

[10] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL);

[11] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta'

persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari[12].

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, (l-**artikolu 19(1)(d)** tal-Att dwar iż-Żwieġ) il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una*

---

Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'<u>Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova</u>, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP);

[12] Bħal fil-każ ta' <u>David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile</u>, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);

*ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[13]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[14]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(f)** tal-Att dwar iż-Żwieġ u tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni

---

[13] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP);

[14] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM);

ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif ġie spjegat minn din il-Qorti fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[15], *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[16]

Rigward iż-**żwiġijiet ta' konvenjenza,** bħal ma qed jiġi allegat fil-każ odjern, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawżi fl-ismijiet Josephine Grech vs. Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida[17] u Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs. Lovay

---

[15] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996;
[16] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000;
[17] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 t' Ottubru 1995 – kif rapportata f' Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000(Ċitaz:171/95VGD)

Ramadan Wahba Mabrouk**[18]** fejn ġie ritenut li: "*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jaħdem u eventwalment jikseb iċ-ċittadinanza, hu jkun qiegħed posittivament jeskludi ż-żwieġ innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-każijiet, wieħed m'għandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tiġi manifestata wkoll impliċitament*".

Issir referenza wkoll għall-kawżi fl-ismijiet Mary Rose Abder Rahim vs. Esam Abder Rahim[19] u Carmen El Shimi gia Tanti vs. Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi[20] fejn ġie ritenut li: "*Fiż-żwieġ ta' konvenjenza illi l-iskop tiegħu uniku tiegħu huwa biss biex il-konvenut jakkwista iċ-ċittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqgħod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iż-żwieġ innifsu*".

Illi fil-kawża fl-ismijiet Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed[21] il-Qorti ċċitat lill-ġurista Francesco Bersini[22] li jispjega:-
*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto*

---

[18] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 16 ta' Jannar 1998– kif rapportata f' Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000(Ċitaz:171/95VGD)
[19] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 31 ta' Mejju 2000
[20] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 20 ta' Ġunju 2002
[21] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000 (Ċitaz: 171/95VGD)
[22] Il Diritto Canonico Matrimoniale - Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114

*esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…"*

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(g)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attriċi tibbaża l-azzjoni tagħha.

Illi dwar l-artikolu 19(1)(g) jingħad skond J. Edward Hudson *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"*.[23]

Illi skond George V. Lobo *"it may be noted that a marriage is truly conditional if (1) the condition proceeds from a positive act of will although this may be implicit; (2) must have been freely placed; (3) must have been present and not revoked at the time of marriage".*[24]

Illi skond kif ingħad fis-sentenza Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella[25] *"huwa mportanti li wieħed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss għall-każ ta' annullament taż-żwieġ jekk din il-kundizzjoni tirreferi għall-avveniment fil-futur"*

---

[23] Handbook II for Marriage Nullity Cases - pg. 107 - kif rapportat f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP);

[24] The New Marriage Law – 1997 - kif rapportat f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP);

[25] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t' Ottubru 2002, (Ċitaz. 801/1996RCP);

Dwar Artikolu **19(1)(h)** u cioe' li l-kunsens kien vizjat stante li wieħed mill-partijiet għalkemm mhux interdett jew marid b'moħħu, ma kellux fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħet intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ, il-Qorti taghmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Evelyn Agius vs. John Borg[26], fejn intqal illi jistgħu jaqgħu taħt dan il-paragrafu persuni taħt l-eta` ta' sittax-il sena li huma preżunti mil-liġi tagħna li m'għandhomx setgħat intellettwali*. "Jistgħu jaqgħu taħt dan il-paragrafu wkoll dawk li fil-mument taż-żwieġ ikunu taħt l-effett ta' droga, alkoħol etc, anke jekk biss temporaneament."*[27]

Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet Emmanuel Briffa vs. Veronica Briffa et[28] fejn ġie invokat is-sub-artikolu hawn iċċitat bħala kawżali għall-annullament, u l-Qorti segwiet b'approvazzjoni lill-awtur JR Keating illi sostna *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of psychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."*

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza partikolari għall-kawża fl-ismijiet MM vs. JM deċiża nhar id-9 ta' Marzu 1994[29] fejn ġie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iż-żwieġ bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ġie stipulat illi *"Il-punt pero` relevanti, stante li hawn wieħed qed jitkellem fuq annullament taż-żwieġ, huwa x'kien l-istat mentali tal-konvenut fiż-żmien meta daħal fil-kuntratt taż-żwieġ, u cjoe jekk il-kunsens tiegħu kienx ivvizzjat fis-sens li minħabba l-istat mentali tiegħu hu ma kienx f'pożizzjoni li jifhem għal dak li*

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 t'Ottubru 1995, (Ċitazzjoni 490/94VDG);
[27] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet AB vs. CD tad-29 t'Ottubru 2015 (Rikors Ġuramentat: 210/14AL);
[28] Deċiża nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Ċitazzjoni 496/1995/2RCP);
[29] Deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

*kien dieħel, u għalhekk setax kellu f'dan iż-żmien stat mentali li ma kienx kompetenti minħabba fih li jikkuntratta ż-żwieġ"*

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi f'din il-kawża tqajmu mhux inqas minn ħames kawżali għall-annullament taż-żwieġ bejn il-partijiet. Il-Qorti tilqa' l-insenjament tal-ġurisprudenza tagħna fejn intqal illi f'azzjonijiet fejn jintalab l-annullament taż-żwieġ ir-rikors promotor[30] għandu jiġi redatt b'mod li l-kawża allegata tan-nullita` taż-żwieġ tkun tirriżulta b'mod ċar, mhux jitniżżlu diversi kawżali bit-tama li xi waħda tolqot.[31]

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi miġjuba f'din il-kawża minn fejn jirriżulta ampjament inekwivoku illi fil-mument tal-kunsens, l-attriċi ma kellhiex il-maturita` neċessarja sabiex tifhem l-effetti u l-konsegwenzi tal-kunsens tagħha. Ma kinitx kapaċi tirrifletti fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa. Hija żżewġet lill-konvenut minkejja li kienet ben konsapevoli illi dan ma kellu ebda rispett lejha, iżda hija akkost ta' kollox ma riditx titlef il-kuntatt miegħu, anke sforz tas-solitudni tagħha, u b'hekk hija qagħdet għal kollox għar-rieda tiegħu. Kienet taf illi l-kunsens li kienet qiegħda tagħti kien kontra l-parir ta' dawk kollha li jħobbuha verament u jirripettawha. Filfatt iż-żwieġ sar bil-moħbi tal-familja tagħha iżda hija xorta baqgħet għaddejja. Dan jindika kjarament in-nuqqas ta' diskrezzjoni fil-ġudizzju tagħha dwar kollox u mhux inqas, dwar id-drittijiet u d-dmirijiet li jġib magħhom iż-żwieġ.

---

[30] Sa ftit taż-żmien ilu ċ-ċitazzjoni;

[31] David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD); Evelyn Agius vs. John Borg, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 t'Ottubru 1995, (Ċitazzjoni 490/94VDG); Angela Spiteri xebba Selvaggi vs. Joseph Spiteri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994, (Ċitazzjoni:517/94VDG);

Huwa daqstant ieħor tassew ċar illi l-konvenut daħal għaċ-ċerimonja taż-żwieġ b'simulazzjoni totali meta kien qiegħed jeskludi l-ħajja miżżewġa totalment. Huwa mill-attriċi ried jikseb b'irħis passaport sabiex jiġi jaħdem liberament hawn Malta u wkoll il-flus li kien ilu jisloħ minn fuqha minn kemm kien ilu jafha. L-attriċi tispjega illi meta taw il-kunsens, il-familjari tal-konvenut kienu qegħdin jiżżufjettaw dan iż-żwieġ għax kien ferm evidenti li ċ-ċerimonja kienet farsa, billi l-konvenut ma kellu ebda ħsieb illi jikkoabita mal-attriċi u li magħha jibda nukleju familjari ġdid. Fil-fatt, il-partijiet qatt ma kellhom rapporti sesswali wara ż-żwieġ u għexu flimkien għal mhux iktar minn tliet ġimgħat.

L-attriċi rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi illi fil-mument li ngħata l-kunsens, hija kienet afflitta minn difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha. Ma kellhiex konoxxenza ta' dak kollu li kienet dieħla għalih. Irnexxielha tipprova wkoll, illi l-konvenut ma kellu ebda mpenn li jidħol għall-obbligi u d-drittijiet konjugali. Għalhekk ma kienx kapaċi jerfa' u jwettaq l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Bil-komportament tiegħu kemm qabel u kemm wara ż-żwieġ, wera li hu kien ma riedx jassumi l-obbligi tal-ħajja matrimonjali, naxxenti minn unjoni bbażata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reċiproku. L-egoiżmu tiegħu kien ta' ostaklu serju sabiex il-partijiet fil-ħajja konjugali bejniethom jiżviluppaw komunjoni ta' ħajja u mħabba.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement :-

Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attriċi u l-konvenut assenti fis-7 ta' Awwissu 2015, fl-Ukrajna, u debitament irreġistrat hawn Malta, huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) u tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż kollha jkunu sopportati mill-konvenut assenti, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.